**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ**

SEDUTA NRU. 32 – IL-ĦAMIS, 15 TA' ĠUNJU 2017

Il-Kumitat iltaqa' fis-Sala tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fil-5:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maryanne Cuomo | *Chairperson* |
| | Maria Vella (waslet fis-5.45pm) | Viċi *Chairperson* |
| | Evelyn Muscat | Membru |
| | Alfrida Abela | Membru |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Roderick Debono | Skrivan |
| Assenti: | Joe Bonello | Membru |

## 1. QARI TA' ITTRI TA' APOLOĠIJA

1.1. Is-SE informa li s-Sinj. Vella kienet se tasal tard.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI

2.1. Il-minuti tal-laqgħa numru 31 kienu meqjusa moqrija.

2.2. Wara kunsiderazzjoni l-minuti kienu approvati u ffirmati miċ-*Chairperson* u mis-Segretarju Eżekuttiv (SE).

## 3. KOMUNIKAZZJONI MIĊ-CHAIRPERSON

3.1. Iċ-*Chairperson* semmiet il-ħtieġa li l-mera li hemm fil-kantuniera ta' Triq ir-Ridott ma' Triq Anton Manwel Caruana tiġi rranġata. Il-Kunsill se jikteb lill-kuntrattur tal-binja biswit biex jirranġa minħabba li dan ġara b'konsegwenza tal-istekkat li għamel 'il barra fit-triq.

3.2. Is-Sinj. Cuomo staqsiet x'sar minnhom it-tabelli tat-tismija tat-toroq ta' Triq ir-Ridott u Triq Anton Manwel Caruana. Is-SE wieġeb li dawn qegħdin fl-uffiċini tal-Kunsill. Huwa żied jgħid li mhix ħtija tal-kuntrattur li dawn għadhom ma sarux għaliex kien hemm nuqqas ta' ftehim amministrattiv.

## 4. IS-SIT TAL-CARAVANS

4.1. Is-Sinj. Cuomo semmiet l-ilmenti li qegħdin jaslu għandha minħabba n-numru mdaqqas ta' caravans li qegħdin jidħlu wara l-iSplash & Fun. Hija qalet li mhux ġust li n-nies li jkunu jridu jmorru hemm, ma jsibux għażla oħra għajr li jsibu sit ieħor. Dan għaliex il-caravans ikkapparraw l-akwata kollha.

4.2. Is-SE qal li L-Kunsill kien diġà kiteb lid-Dipartiment tal-Artijiet, lill-pulizija u lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali, iżda s'issa għadha ma ttieħdet l-ebda azzjoni konkreta min-naħa tagħhom.

## 5. NEWSLETTER

5.1. Is-Sinj. Cuomo għaddiet abbozz taċ-ċirkulari lis-SE. Dan l-abbozz ġie mħejji mis-Sinj. Cuomo u mis-Sinj. Abela.

5.2. Is-SE issuġġerixxa li l-ħarġa kulturali li torganizza s-Sinj. Muscat f'isem il-Kumitat Amministrattiv ta' Baħar iċ-Ċagħaq tibda tinżamm fuq l-istess ġurnata tax-xahar. Dan sabiex eventwalment tiżdied il-konkorrenza.

5.3. Is-SE ġibed l-attenzjoni li kemm-il darba ċ-ċirkulari ma tkunx tinkludi informazzjoni marbuta ma' data, jkun ifisser li ma jkunx hemm data marbuta sa meta għandha tintbagħat filwaqt li tkun tista' tiġi mqassma minn żmien għal-ieħor, fosthom lir-residenti ġodda.

5.4. Intlaħaq qbil unanimu dwar dan filwaqt li lkoll qablu li ċ-ċirkulari għandha ssir sewwa bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Iċ-ċirkulari mhux se tkun tinkludi reklami.

5.5. F'dan il-ħin waslet is-Sinj. Vella. Il-ħin hu s-5.45pm.

## 6. PROGRAMM SPORTIV

6.1. Is-Sinj. Vella qalet li l-klassi tas-Circuit Training mistennija tieqaf għall-istaġun tas-Sajf u terġa' tibda f'Settembru 2017.

6.2. Is-Sinj. Vella semmiet li l-Kumitat se jerga' jagħmel tentattiv bi klassi tal-Pilates. Dan għaliex is-Sinj. Cuomo taf b'disa' individwi li huma interessati. L-istess ingħad għal din il-klassi, tibda kif jgħaddi s-Sajf.

## 7. ĦARĠA SOĊJALI

7.1. Is-Sinj. Muscat spjegat li s'issa għad ma hemmx data kkonfermata. Dan għaliex għadha qiegħda tistenna tweġiba mingħand Fr Paul. Madankollu hija spjegat li dejjem iridu jgħaddu ħmistax oħra. Għaldaqstant spekolat li l-ħarġa ssir lejn l-aħħar tax-xahar.

7.2. Is-Sinj. Muscat qalet li din id-darba, l-Kumitat se jkun qiegħed jeħodhom jaraw il-mużew marittimu fil-Birgu.

7.3. Żiedet tgħid li din se tkun l-aħħar ħarġa soċjali, sa ma jispiċċa s-Sajf.

7.4. Is-Sinj. Cuomo għarrfet lis-Sinj. Muscat li l-ħsieb ta' dawn il-ħarġiet huwa li kemm jista' jkun nattiraw residenti li joqogħdu f'Baħar iċ-Ċagħaq.

## 8. TRIQ IX-XBIEK

8.1. Intlaħaq qbil unanimu sabiex il-Kunsill jikteb lit-TM sabiex din it-triq issir.

## 9. RAPPORT FINANZJARJU

9.1. Is-SE ippreżenta r-rapport finanzjarju lill-membri tal-Kumitat. Dan kien approvat *nem con*.

## 10. ĦWEJJEĠ OĦRA

10.1. Is-Sinj. Cuomo semmiet id-daħla tal-parkeġġ ta' Triq Xatt il-Palm. Hija talbet lis-SE sabiex jikteb lill-Ministru l-ġdid tat-Trasport. Fil-kitba l-Kunsill għandu jsemmi li fil-passat, ilħaqna kkorrispondejna mal-Perit Kylie Borg Marks iżda filwaqt li l-Perit qaltilna li l-Awtorità tat-Trasport kienet qiegħda tistenna l-permess mingħand l-awtorità tal-Ippjanar, fil-frattemp din tal-aħħar qaltilna li ma kienu rċevew xejn mingħand TM f'dan ir-rigward. Dan kollu a skapitu tar-residenti li għadhom qegħdin jistennew li dan il-parkeġġ tant mistenni finalment ikun jista' jidba jintuża mill-ġdid.

10.2. Is-Sinj. Cuomo qalet li Fr Paul Attard mistenni jiġi trasferit għal parroċċa oħra filwaqt li minfloku għandu jiġi ċertu Fr Mark.

10.3. Is-Sinj. Vella semmiet li f'xi toroq f'Baħar iċ-Ċagħaq hemm ħaxix li kiber ħafna. Is-SE wieġeb sabiex tieħu xi ritratti u tgħaddihom l-uffiċċju tal-Kunsill.

10.4. Is-SE semma li fil-kuntratt tal-knis preċedenti ma kienx hemm imniżżel li l-kuntrattur ma jistax juża pestiċida iżda fil-kuntratt preżenti hija waħda mill-kundizzjonijiet. Għaldaqstant irrimarka li ma jistgħux jikkumparaw servizz m'ieħor għal kollox.

10.5. Is-Sinj. Vella saħqet li kull kuntrattur għandu jsegwi mal-kuntratt mingħajr il-ħtieġa li l-Kunsill joqgħod jiġbidlu l-attenzjoni.

10.6. Iċ-*Chairperson* b'sodisfazzjon semmiet li fl-aħħar l-iskipps ta' Baħar iċ-Ċagħaq inbidlu iżda taħthom qatt ma jitnaddaf. Għaldaqstant talbet lill-Kunsill sabiex jiġbed l-attenzjoni.

10.7. Is-Sinj. Vella semmiet il-mgħoddija li tagħmel ma' Triq Qalet Marku. Hija qalet li sa minn meta ġiet miftuħa għat-traffiku, s-sitwazzjoni baqgħet li kienet. Hija qalet li din il-mgħoddija tant dejqa ma tippermettix għall-ammont tat-traffiku li jgħaddi minnha, b'mod partikolari meta wieħed jikkunsidra t-trakkijiet kbar li jużawha ta' spiss biex jaqtaw għad-dritt minflok ma jgħaddu minn Triq il-Kosta jew Trejqet il-Kampanjol.

10.8. Is-suġġeriment primarju tagħha kien li l-Kunsill jerġa' jikteb lit-TM sabiex din il-mgħoddija tingħalaq iżda finalment kien hemm qbil unanimu li t-talba għandha tieħu l-forma ta' direzzjoni waħda minn Baħar iċ-Ċagħaq għall-Magħtab.

10.9. Is-Sinj. Vella qalet li apparti li din il-mgħoddija ma tippermettix traffiku għaddej f'direzzjonijiet opposta, hija anke kwistjoni ta' periklu. Dan partikolarment minħabba s-sewwieqa li joħorġu jsuqu b'veloċità eċċessiva għal Triq l-Imsaqqfin.

10.10. F'dan id-dawl is-SE semma li nhar it-Tnejn 19 ta' Ġunju 2017, il-Kunsill kien se jiltaqa' mas-Sur Adrian Mallia tal-Adi Associates Consultants Ltd sabiex jiddiskutu t-traffiku li jgħaddi minn Vjal il-21 ta' Settembru u mill-junction ta' Vjal il-Labour; sabiex kemm-il darba l-Kumitat ifassal rapport konkret li din il-mgħoddija qiegħda toħloq sitwazzjoni ta' periklu, jkun jista' jressaqha fl-istess laqgħa.

10.11. Is-SE ppropona li, biex tittaffa l-problema, Triq l-Imsaqqfin issir f'direzzjoni waħda, direzzjoni minn Triq Anton Manwel Caruana lejn Triq Qalet Marku. Hekk, it-traffiku li jkun ġej mill-Magħtab ma jkollux għażla oħra għajr li jikser lejn Triq is-Sibbiena, b'konsegwenza aħħarija li l-veloċità u għaldaqstant il-periklu jonqsu drastikament.

10.12. Madankollu s-SE enfasizza l-importanza li qabel ma l-Kumitat jiddeċiedi li jressaq xi tip ta' talba quddiem TM, ikun laħaq ikkonsulta mar-residenti li se jiġu milquta b'mod dirett. F'dan id-dawl issemmew ir-residenti li joqogħdu fit-toroq tas-Sibbiena, Qalet Marku u l-Imsaqqfin.

10.13. Minkejja il s-Sinj. Vella enfasizzat li minn din il-mgħoddija qiegħed jgaħddi ħafna traffiku, s-SE għall-kuntrarju spjegalha li ma jkunx għaqli li jingħad dan quddiem TM għaliex hekk inkunu qegħdin ngħaddulhom messaġġ li din il-mgħoddija hija meħtieġa.

10.14. Is-Sinj. Vella qalet li l-i*slip way* ta' wara l-gabbana tal-ġelati għadha mħarbta. Iċ-*Chairperson* wieġbet sabiex nagħtu iżjed ċans għaliex fiduċjużha li hija kwistjoni ta' ftit aktar jiem. Madankollu l-Kunsill wieġeb li aktar kmieni fil-jum huwa kiteb lill-*Cleansing Services Directorate* dwarha.

10.15. Is-SE ppreżenta lill-membri bi tliet talbiet għall-bozoz ġodda, tnejn fi Triq Baħar iċ-Ċagħaq u oħra fi Triq it-Trunċieri.

10.16. Kien hemm qbil unanimu li ż-żewġ bozoz ta' Triq Baħar iċ-Ċagħaq huma ġġustifikati u għaldaqstant il-Kunsill jista' imexxi bit-talba għat-twaħħil tal-bozoz.

10.17. Min-naħa l-oħra, ta' Triq it-Trunċieri, qabel mal-Kumitat jikkommetti ruħu, talab lill-Kunsill jikseb stima mingħand il-kuntrattur. Dan għaliex apparti li ma hemmx arblu; id-distanza mill-aħħar arblu għal fejn ġie mitlub hi ta' ċirca ħamsin metru u għaldaqstant ifisser li se tiġihom spiża.

10.18. Is-Sinj. Cuomo esprimiet ix-xewqa tagħha sabiex lejn l-aħħar ta' Settembru 2017, issir attività f'Baħar iċ-Ċagħaq. Hija tixtieq li din tkun tikkonċerna d-dinja tal-klieb.

10.19. Hija għalhekk talbet lill-membri preżenti sabiex jaħsbu fuq din l-idea u fil-laqgħa segwenti, jlaqqawhom u jaraw biex jistgħu joħorġu.

10.20. Iċ-*Chairperson* qalet li tixtieq li ssir laqgħa mal-Ministru tal-i*Sports* sabiex il-Kumitat ikellmu fuq l-art li kienet mikrija lill-iscouts.

## 11. DATA GĦAL-LAQGĦA LI JMISS

11.1. Kien hemm qbil unanimu li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ħamis 20 ta' Lulju, 2017 għal-17:00hrs.

11.2. Il-laqgħa ntemmet fis-19:00hrs.

| | |
|---|---|
| Mary Anne Cuomo | Paul Gatt Dip.Mgmt (Henley), MIM |
| **Chairperson** | **Segretarju Eżekuttiv** |